

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.5870 – Foxconn/Sony LCD TV Manufacturing Company in Slovakia)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 140/10)

1. Fil-21 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (!) li permezz tiegħu l-impriża Hon Hai Precision Industry Co., Ltd ("Hon Hai group", it-Tajwan), il-kumpanija ewlenija ta' Foxconn group ("Foxconn", it-Tajwan), takkwista l-kontroll sħiħ ta' Sony Slovakia spol. s.r.o. (is-Slovakian Target, is-Slovakkja) permezz ta' xiri ta' ishma. Fl-1 ta' Jannar 2010, qabel ma ntlaħaq ftehim dwar l-akkwist tas-Slovakian Target, Foxconn kienet akkwistat il-kontroll sħiħ ta' Sony Baja California, S.A. de C.V (il-Mexican Target, il-Messiku) permezz ta' xiri ta' ishma u ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għall-grupp Hon Hai u għal Foxconn: provvista ta' servizzi ta' manifattura elettronika lill-manifatturi tat-tagħmir oriġinali,
- għas-Slovakian Target u l-Mexican Target: provvista ta' produzzjoni u ta' immuntar ta' televiżjonijiet LCD.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5870 – Foxconn/Sony LCD TV Manufacturing Company in Slovakia, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
 Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
 Reġistratu tal-Amalgamazzjonijiet  
 J-70  
 1049 Bruxelles/Brussel  
 BELGIQUE/BELGIË

---

(!) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet).